MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2014

Numru. 440/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Johan Sultana**

Illum, 4 ta' Awwissu 2014

Kawza nru: 440/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Johan Sultana ta' 31 sena, bin Martin u Teresa nee' Cassar, imwieled Pieta' nhar l-4 ta' Jannar 1982 , residenti gewwa 91, Manoel Basement, Triq il-Parilja, Santa Venera u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 47882M talli:

1. Nhar it-8 ta' Mejju 2013, ghall-habta tad-disa' u ghaxra ta' filghaxija gewwa l-Isptar Mater Dei, gewwa l-Imsida u jew bnadi ohra, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, bi ksur tal-art. 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, bi ksur tal-art 96 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied, bi ksur tal-art 338(dd) tal-Kap 9.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika, bi ksur tal-art, 338 (bb) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti, bi ksur tal-art 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, bi ksur tal-art. 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, bi ksur tal-art 96 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom, bi ksur tal-art 91 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrifjuta jaghti, jew ta falz, lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra, bi ksur tal-art. 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdix l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor

ghamel skont il-ligi, bi ksur tal-art. 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied, bi ksur tal-art 338(dd) tal-Kap 9.

12. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika, bi ksur tal-art, 338 (bb) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti, bi ksur tal-art 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

14. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Richard Seguna detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 232968M u Andrew Grech detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 79080M, f'periklu car, hebb ghall-istess Richard Seguna u Andrew Grech, u ikkagunalhom offizi hfief kif iccertifikati minn Dr Jeffrey Bonnici u Dr Paul Zammit, bi ksur ta' l-artikoli 221 u 222(1)(c) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

15. U aktar talli b'hekk irrenda ruhu recediv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgux jigu mibdula bi ksur ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex timponi garanzija fuq l-imputat sabiex josserva kull kundizzjoni li tigi imposta fuqu u dan ai termini tal-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet li tohrog ordni ta′ protezzjoni ai termini ta′ l-artikolu 412 (C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw;

Il-Qorti intalbet sabiex flimkien ma′ ordni ta′ protezzjoni, jew separatament minnha, taht l-artikolu 412 (C) u sakemm din il-Qorti tkun sodisfatta jsiru arrangamenti adatti ghal trattament, li tkun tehtieg il-persuna, Ordni ta′ Trattament, bil-kunsens tal-hati jew minghajru, u dan ai termini tal-artikolu 412D(1) tal-Kodici Kriminali;

F′kaz ta′ htija, il-Qorti ntalbet biex tipprovdi ghas-sigurta′ tal-persuni involuti u l-familja taghhom ai termini ta′ l-artikolu 382A, 383, 384, 385 et sequitur tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza tat-30 ta′ Lulju 2014 mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat il-pre-sentencing report.

Ikkunsidrat

Illi fl-ewwel lok il-partijiet inkwantu ghall-addebitu tar-recidiva, l-imputazzjoni numru 15, iddikjaraw li wara l-analizi tal-fedina penali qablu li tenut kont tal-ahhar sejbien ta' htija huwa ta' Jannar 2013 pero' l-piena hija taht il-Kap 446 artikolu 22 u s-sejbien ta' htija precedenti jirrisali ghas-sena 2004 u ghalhekk tali addebitu taht l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 mhux applikabbli.

Illi fit-tieni lok, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni tieghu, il-fedina penali ta' l-imputat u l-fatt li l-imputat qieghed jipprova jbiddel hajtu u dan kif kkonfermat mill-Pre-sentencing report li hejja Gordon Grech u kif anki kkonfermat bix-xhieda tieghu. Irrizulta li Gordon Grech ilu issa diversi snin isegwi lill-imputat u ra fih kambjament ghall-ahjar. Ghaldaqstant piena karcerarja mhix wahda idonea fic-cirkostanzi. Infatti mill-pre-sentencing report jirrizulta li gie rakkomandat li l-imputat jinghata ordni ta' probation ghal zmien sena. Din il-Qorti madankollu tqis li ghall-gid ta' l-imputat innifsu sabiex ikompli bil-progress tieghu ghandu jkun hemm perjodu itwal.

Illi l-imputat skuza ruhu ta' l-akkadut.

Illi ma jirrizultax lanqas li hemm il-htiega li jinhareg ordni ta' protezzjoni u dan mehud in kunsiderazzjoni x-xhieda tal-vittmi u lanqas

li jinghata provvediment ghas-sigurta′ tal-persuni tal-vittmi u tal-familja taghhom. Oltre′ dan in vista tal-fatt li diga′ rrizulta li l-imputat illum m′ghadx ghandu l-vizzju tad-droga u qieghed jiehu hsieb li jiehu l-ghajnuna li ghandu bzonn lanqas m′hemm il-htiega li jinhareg ordni ta′ trattament.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 49, 50, 91, 95, 96, 221, 222(1)(c), 338(d)(bb)(dd)(ee), 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni numru hmistax (15), fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u b′applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta′ Malta tpoggih taht ordni ta′ probation bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment ghal perjodu ta′ sentejn (2) millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti qeghda tordna notifika ta′ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation.

Tordna wkoll notifika ta′ din is-sentenza lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------